**KUNSILL LOKALI HAŻ-ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 31 – 15 ta' Frar 2017**

***Minuti tal-31 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar l-Erbgha, 15 ta' Frar, 2017 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tieghu fi Triq Frans Sammut fis-6:30 ta' filghaxija sabiex issir Agenda Numru 31. Il-laqgha bdiet fis-6:30 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Hadd** | |
| **Assenti :** | **Hadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |

**Uffiċċjal prezenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Ezekuttiv

1. **Approvazzjoni tal-Minuti ta' Laqgha 29**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti ta' Laqgha nru. 29 jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti.

Ittiehed vot.

Dawk favur: is-Sindku Sarah Agius, il-Vici-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Chris Bongailas, Clive Azzopardi, Kevin Glynn, Roderick Aquilina u Philip Said.

Dawk kontra : Hadd

Astensjonijiet: Il-Kunsilliera Vernalise Scicluna u George Cortis

Il-proposta giet approvata (124).

**2. Hwejjeg li johorgu mill-Minuti**

2.1 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill aktar kmieni dan ix-xahar gie ffirmat l-MOU dwar il-Green Urban Project, progett li qed jintitola lill-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug sabiex jixtri b'kemm jiswew Eur30,000 f'sigar u xitel, kif ukoll il-manutenzjoni taghhom ghall-ewwel sentejn.

2.2 Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Bongailas kien ipprepara l-ittra ta' b'xi oggezzjonijiet li kellu l-Kunsill dwar l-izvilupp ta' Boutique Hotel gewwa Triq San Guzepp, Sadanittant hija nfurmat lill-Kunsill li l-Awtorita tal-Ippjanar kienet favur it-tali zvilupp ghalkemm m'hemmx nformazzjoni jekk din l-approvazzjoni nghatatx b'xi riservi.

**3. Korrispondenza**

Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni talba li kellha minghand residenti li ghandhom ukoll skopijiet kummercjali sabiex bicca art zghira li hemm wara l-istejg fi Mdina Road, u li bhalissa m'ghandha l-ebda skop, tintalab lil Transport Malta sabiex tinbidel f'parkegg.

4. **Gnien l-Infetti**

Wara diskussjoni, is-Sindku Sarah Agius rringrazjat lill-Kunsillier Chris Bongailas tas-sehem li ta sabiex il-progett ta' Gnien l-Infetti jinghata spinta. Il-Kunsillier Chris Bongailas qal li s-sehem li ta, kien qed jinghata minn qalbu b'mod volontarju, pero minhabba li jinsab impenjat bix-xoghol huwa ma jistax jahdem fuq it-tfassil tat-tender, u fuq il-BOQ fuq supervizjoni li trid issir waqt li jkun ghaddej il-progett. Ghaldaqstant bi qbil unanimu il-kumpanija Med Design se tkun qeghda tahdem fuq it-tfassil u l-ezekuzzjoni ta' dan il-progett.

Il-Vici-Sindku nforma lill-Kunsill minhabba mpenji ohra ma kienx ser jibqa prezenti ghal-laqgha. Huwa telaq fis-7:10pm.

5. **Kuntratt Soft Areas**

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li tittiehed decizjoni dwar dan il-kuntratt f'laqghat ohrajn, wara li tingabar aktar informazzjoni.(125)

6. **Sleeping Policemen**

Il-Kunsill qabel unanimament li tintalab sleeping policemen fis-service road ta' Mdina Road lejn fejn hemm il-gym, kif ukoll li ssir wahda ohra fi Triq il-Kandlora. (126)

Il-Kunsillier Vernalise Scicluna nfurmat lill-Kunsill li minhabba mpenji ohra ma kienetx ser tibqa prezenti ghal-laqgha. Hija telqet fit-8:00pm.

7. **Toroq Rurali**

Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li gew approvati fondi ghal toroq rurali u Haz-Zebbug ghandu jkun wiehed minn dawn l-irhula li japplikaw ghalihom. Dawn it-toroq ser jigu ffinanzjati hekk: 90% mill-fondi tal-EU, u 10% jinhargu mill-Kunsill Lokali, liema parti tista ssir applikazzjoni separata mal-Ministeru responsabbli mill-Kunsilli Lokali sabiex jinghata l-10% jew parti minnha, minn fond iehor li qighed fi hdan l-istess Ministeru..

Fl-2012, kien diga sar rapport dwar xi spejjez hemm f'dawn it-toroq pero dawn il-figuri issa ghandhom jigu aggornati.

Gie maqbul unanimament (127) li l-Kunsill ghandu jahdem fuq dawn it-toroq:

a) Triq fiz-zona maghrufa bhala it-Troll li tista tinbena biex it-traffiku minn Triq Dun Karm Psaila jigi aktar organizzat,
b) Triq il-Fortizza
c) Triq tal-Hlas
d) Sqaq il-Qenc.

**8. Triq De Rohan**

Wara diskussjoni, il-kunsill qabel unanimament (128) li d-direzzjoni tat-traffiku ghandha tkun hekk:

a) Triq de Rohan tigi kollha kemm hi f'direzzjoni wahda, jigifieri jidhlu minn fejn is-Sala Parrokjali u jimxu l'fuq. L-istess karozzi jistghu johorgu minn Triq Campis jew jimxu t-triq de Rohan kollha u johorgu fi Triq il-Kbira.
b) Triq Campis – Il-karozzi jistghu johorgu biss minnha lejn Triq l-Isqof.

**9. Tiswija ta' Bankini**

Wara diskussjoni, sar qbil unanimu (129) li:

a) Titranga bankina fi Triq Vincenzo Adrario
b) Jintalab permess dwar aggustament fil-livell ta' bankina li hemm fi Trqi Pawlu Debono
c) Li ssir bankina sabiex takkomoda lil dawk li ser jaghmlu uzu mill-venda l-gdida li giet mcaqilqa ghal Triq Filippu Grech

**10. Vot tal-Flus**

Is-Sindku Sarah Agius ipprezenatat il-vot tal-flus. Hija pproponiet li l-vot tal-flus jghaddi kif prezentat ghajr ghall-astensjoni mill-pagament lill-Kuntrattur WM Environmental dwar soft areas. Hija kienet sekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Il-Kunsillier Chris Bongailas astjena

mill-pagament lil Mario Cachia dwar tindif tal-latrini. Ghall-bqija tal-vota kien hem qbil unanimu, li kull pagament gahndu jsir kif prezentat.(130)

### 11. <u>Aggornament</u>

Il-laqgha spiccat fit-8:35pm. Il-laqgha giet aggornata ghall-15 ta' Marzu 2017.

**Sarah Agius**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Ezekuttiv**